MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 566/2012

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**vs.**

**Patrick Spiteri K.I. 238674(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-Awtorita` attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' hames mija u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€540.25) rapprezentanti d-danni u l-hsara kkawzati mill-konvenut meta fl-1 t'Ottubru 2009 waqt li kien qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni PEC 090, habat gol-*crash barriers* li jinsabu gewwa Triq il-Kuncizzjoni gewwa l-Imsida.

Illi ghal dawn id-danni u hsara huwa responsabbli l-konvenut kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tal-vetturi bil-mutur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Awtorita` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tal-Awtorita` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita` attrici is-somma ta' hames mija u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€540.25), bl-imghax legali dekorribbli mis-27 ta' Jannar 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 9 ta' Settembru 2010 u tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Jannar 2012, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------